SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Ġunju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 135(1) – Eżenzjonijiet – Immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment – Esternalizzazzjoni – Servizzi pprovduti minn terz"

Fil-Kawżi magħquda C-58/20 u C-59/20,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesfinanzgericht (il-Qorti Federali tal-Finanzi, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjonijiet tad-29 ta' Jannar 2020 (C-59/20) u tat-30 ta' Jannar 2020 (C-58/20), li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Frar 2020, fil-proċeduri

K (C-58/20),

DBKAG (C-59/20)

vs

Finanzamt Österreich, li qabel kienet Finanzamt Linz,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot (Relatur), President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Imħallef tal-Ewwel Awla, L. Bay Larsen, C. Toader u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Frar 2021,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal K u DBKAG, minn G. Aigner, Steuerberater,

– għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, F. Koppensteiner u minn J. Schmoll u S. Zolles, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Elleniku, minn K. Georgiadis, A. Dimitrakopoulou u M. Tassopoulou, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn L. Mantl u R. Lyal, sussegwentement minn L. Mantl u L. Lozano Palacios, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60, iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' tilwim bejn K (Kawża C-58/20) u DBKAG (Kawża C-59/20) u l-Finanzamt Österreich li qabel kienet il-Finanzamt Linz (l-Amministrazzjoni tat-Taxxa tal-Awstrija, li qabel kienet l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ta' Linz, l-Awstrija) (iktar 'il quddiem l-"Amministrazzjoni tat-Taxxa") dwar ir-rifjut ta' din l-amministrazzjoni li tagħtihom il-benefiċċju tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva tal-VAT

3 L-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi, fi kliem essenzjalment identiku, l-eżenzjoni li qabel kienet prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva").

4 Skont l-Artikolu 135(1) tad-Direttiva tal-VAT:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

(g) l-imaniġġjar ta' fondi speċjali ta' investiment kif definiti mill-Istati Membri;

[…]"

Id-Direttiva UCITS

5 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU 2009, L 302, p. 32, iktar 'il quddiem id-"Direttiva UCITS"), ipproċediet, filwaqt li ħassritha, għal formulazzjoni mill-ġdid tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 139), kif emendata, b'mod partikolari, bid-Direttiva 2001/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 287) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 85/611").

6 L-Artikolu 2 tad-Direttiva UCITS jipprovdi:

"1. Għall-finijiet ta' din il-Direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

[…]

(b) 'kumpanija tal-maniġment' tfisser kumpanija, li n-negozju regolari tagħha huwa l-immaniġġjar ta' UCITS fil-forma ta' fondi komuni u/jew ta' kumpaniji ta' investiment (maniġment kollettiv ta' portafoll ta' UCITS);

[…]

2. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, in-negozju regolari tal-kumpanija tal-maniġment għandha tinkludi l-funzjonijiet imsemmija fl-Anness II.

[…]"

7 L-Anness II tad-Direttiva UCITS jinkludi lista mhux eżawrjenti ta' funzjonijiet inklużi fl-attività ta' mmaniġġar kollettiv ta' portafoll. Din il-lista, identika għal dik li tinsab fl-Anness II tad-Direttiva 85/611, tistabbilixxi l-funzjonijiet li ġejjin:

"– Maniġment ta' investiment

– Amministrazzjoni:

(a) servizzi ta' kontabbiltà legali u ta' maniġment ta' fond;
(b) mistoqsijiet tal-klijenti;
(ċ) valutazzjoni u pprezzar (inklużi l-formoli tat-taxxa);
(d) monitoraġġ regolatorju ta' konformità;
(e) żamma tar-reġistru tat-titolari ta' unitajiet [azzjonijiet];
(f) distribuzzjoni tad-dħul;
(g) ħruġ u fidwa ta' unitajiet;
(h) riżoluzzjonijiet ta' kuntratti (inkluża l-kunsinna taċ-ċertifikat);
(i) iż-żamma ta' rekords.

– Il-kummerċjalizzazzjoni."

Id-dritt Awstrijak

8 Il-punt 8(i) tal-Artikolu 6(1) tal-Umsatzsteuergesetz 1994 (il-Liġi dwar il-VAT, BGBI. 663/1994), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, jipprevedi li d-dħul li joriġina mill-"immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment", mill-"immaniġġar ta' holdings fil-kuntest tal-attività ta' kontribuzzjoni ta' kapital […] minn impriżi li għandhom konċessjoni għal dan il-għan", kif ukoll mill-"immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment kif iddefiniti mill-Istati Membri l-oħra" huwa eżenti mill-VAT.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

Il-Kawża C-58/20

9 Bejn is-snin 2008 sa 2014, diversi kumpanniji ta' ġestjoni (imsejħa kumpanniji ta' investiment kapitali qabel is-sena 2011) ittrasferixxew lil terz, fil-każ ineżami lil K, ċerti servizzi ta' kalkolu ta' valuri rilevanti għall-finijiet tat-tassazzjoni tad-dħul tal-parteċipanti fil-fondi, bħalma huma d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa. Sabiex twettaq dawn is-servizzi, K kellha tibbaża ruħha fuq il-kalkolu tad-dħul fil-livell tal-fondi kif iddeterminat mill-kumpanniji ta' ġestjoni abbażi tal-bilanċ ġenerali u tal-kontabbiltà tal-fondi stabbiliti mill-bank depożitarju. K kienet tirriproduċi l-valuri indikati fil-bilanċ ġenerali u fil-kalkolu tad-dħul fil-livell tal-fondi wara sempliċi kontroll ta' plawżibbiltà (mingħajr verifika tal-eżattezza). Imbagħad, sabiex tistabbilixxi d-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq il-livell tal-parteċipanti, K kellha tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-karatteristiċi proprji tat-tipi differenti ta' investituri iżda wkoll tistabbilixxi d-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tagħha stess, tosserva ordni ta' allokazzjoni awtonoma u kalkolu tat-telf speċifiku.

10 Matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-kumpanniji ta' ġestjoni li taw mandat lil K baqgħu l-mandatarji fiskali inkarigati li jittrażmettu l-valuri rilevanti għall-finijiet tal-intaxxar tad-dħul tal-parteċipanti fil-fondi, permezz ta' dikjarazzjoni standardizzata, lill-unità ta' dikjarazzjoni. Il-kumpanniji ta' ġestjoni kienu għalhekk jirriproduċu l-valuri rilevanti kkalkolati minn K mingħajr ma jemendawhom u jittrażmettuhom lejn l-unità ta' dikjarazzjoni. Madankollu, il-kumpanniji ta' ġestjoni kienu responsabbli għall-eżattezza tal-ammonti ddikjarati lill-unità ta' dikjarazzjoni b'mod partikolari bħala taxxa fuq id-dħul mill-kapital. K kienet responsabbli fir-rigward ta' dawn il-kumpanniji, skont id-dritt ċivili, fil-każ ta' dannu kkawżat mill-ineżattezza żbaljata tad-dikjarazzjoni tal-valuri rilevanti fil-qasam fiskali.

11 K iffatturat, mingħajr VAT, is-servizzi li hija kienet tipprovdi lill-kumpanniji ta' ġestjoni. Fil-fatt, K issostni li dawn is-servizzi jibbenefikaw mill-eżenzjoni dwar l-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, peress li jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari dawk li jinsabu fil-punt 72 tas-sentenza tal-4 ta' Mejju 2006, Abbey National (C-169/04, EU:C:2006:289), li tipprovdi li, sabiex jaqgħu taħt din l-eżenzjoni, is-servizzi pprovduti minn terz għandhom jifformaw unità distinta, evalwata b'mod globali, u jkunu speċifiċi u essenzjali għall-immaniġġar ta' dawn il-fondi speċjali ta' investiment. Skont K, is-servizzi tal-kalkolu ta' valuri rilevanti għall-finijiet tat-tassazzjoni tad-dħul tal-parteċipanti fil-fondi li għalihom hija inkarigata jeżistu biss fil-qasam tal-fondi speċjali ta' investiment b'tali mod li dawn huma servizzi ta' amministrazzjoni speċifiċi u essenzjali għall-immaniġġar ta' dawn il-fondi. Barra minn hekk, K tqis li, sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni, ma huwiex neċessarju li dawn is-servizzi kollha jkunu esternalizzati.

12 Madankollu, skont l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, is-servizzi pprovduti minn K lill-kumpanniji ta' ġestjoni ma jistgħux jaqgħu taħt din l-eżenzjoni. Minn naħa, din tqis li s-servizz ipprovdut minn K li jikkonsisti fil-kalkolu tal-valuri rilevanti għall-finijiet tat-tassazzjoni tad-dħul tal-parteċipanti fil-fondi ma huwiex speċifiku u essenzjali għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment. Dan huwa pjuttost servizz speċifiku għall-professjoni ta' konsulent fiskali jew ta' awditur. Min-naħa l-oħra, skont l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, dan is-servizz ma huwiex suffiċjentement awtonomu sabiex jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-VAT.

13 K ippreżentat rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa tad-9 ta' Settembru 2014, dwar il-VAT għas-snin 2008 sa 2012, tal-25 ta' Settembru 2015, dwar il-VAT għas-sena 2013 u tat-23 ta' Jannar 2019, dwar il-VAT għas-sena 2014 quddiem il-qorti tar-rinviju li tqis li jeżistu dubji dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "mmaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment", fis-sens tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT.

14 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesfinanzgericht (il-Qorti Federali tal-Finanzi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 135(1)(g) tad-[Direttiva tal-VAT] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' 'immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment' ikopri wkoll responsabbiltajiet fiskali fdati lil terz mill-kumpannija ta' ġestjoni, li jikkonsistu f'li jiġi żgurat li d-dħul li jsir mill-parteċipanti jiġi ntaxxat skont il-liġi?"

Il-Kawża C-59/20

15 Permezz ta' kuntratt ta' liċenzja tal-11 ta' Diċembru 2008, DBKAG, li tiżgura l-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment, ingħatat minn SC GmbH, stabbilita fil-Ġermanja, dritt ta' użu ta' software li jservi sabiex isiru kalkoli essenzjali għall-ġestjoni ta' riskji u għall-kejl tal-prestazzjonijiet inkambju għall-ħlas ta' tariffa (iktar 'il quddiem is-"software SC").

16 Is-software SC huwa speċifikament adatt għall-attività tal-fondi ta' investiment u għar-rekwiżiti kumplessi tal-leġiżlatur f'dawn l-oqsma. SC hija responsabbli għat-twettiq ta' kalkoli korretti tal-indikaturi ta' riskji u ta' prestazzjonijiet.

17 Is-software SC jista' jintuża biss b'interazzjoni mas-software l-ieħor ta' DBKAG. Fil-fatt, DBKAG kellha tadatta l-ambjent tal-informatika tagħha għall-bżonnijiet tas-software SC u tistabbilixxi l-parametri (b'mod partikolari l-metodi ta' kalkolu) li dan is-software għandu juża. Bis-saħħa ta' interfaces ma' programmi oħrajn ta' DBKAG, id-data relatata mal-prezzijiet u mal-valuri tas-suq, li jitwettqu minn DBKAG u li huma neċessarji għall-kalkoli magħmula minn SC, tiġi introdotta awtomatikament u kuljum fil-programm tas-software SC. Għaldaqstant, dan is-software jwettaq il-kalkoli tal-indikaturi ta' riskju u ta' prestazzjoni minn data miġbura minn DBKAG. Sussegwentement, l-indikaturi ta' riskji u ta' prestazzjoni kkalkolati mis-software SC jintużaw minn DBKAG sabiex tfassal rapporti bil-għan li tikkonforma ruħha mal-obbligi legali ta' informazzjoni lejn l-awtoritajiet u l-investituri relatati mal-ġestjoni tar-riskji u tal-prestazzjonijiet.

18 Permezz ta' kuntratti oħra tal-11 ta' Diċembru 2008, ġie miftiehem li SC kienet ser tipprovdi lil DBKAG diversi servizzi ta' sostenn. B'mod partikolari, SC impenjat ruħha li tħarreġ lill-persunal ta' DBKAG fil-kompiti li kellhom jitwettqu għall-konfigurazzjoni tas-software SC u sabiex tiddaħħal manwalment id-data neċessarja għall-funzjonament tiegħu. SC impenjat ruħha wkoll li twettaq aġġornamenti ta' dan is-software sabiex tirrimedja l-eventwali difetti tiegħu.

19 SC iffatturat l-għoti tal-liċenzja u l-provvista tas-servizzi l-oħra bħala provvisti taxxabbli u suġġetti għall-VAT fl-Istat ta' destinazzjoni, ir-Repubblika tal-Awstrija, mingħajr ma semmiet il-VAT iżda b'riferiment għat-trasferiment tad-dejn fiskali lil DBKAG skont il-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni.

20 Madankollu, DBKAG tqis li s-servizzi pprovduti minn SC għandhom jaqgħu taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT. Fil-fatt, DBKAG tqis li s-software SC jipprovdi servizzi ta' kalkolu tal-indikaturi ta' riskju u ta' prestazzjoni li huma speċifiċi u essenzjali għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment. Skont DBKAG, il-fatt li tipprovdi hija stess ċerta data lis-software SC ma għandux ikollu effett fuq il-klassifikazzjoni ta' dawn is-servizzi bħala tranżazzjonijiet eżentati.

21 L-Amministrazzjoni tat-Taxxa, min-naħa tagħha, tqis li l-għoti tad-dritt ta' użu tas-software SC huwa servizz suġġett għall-VAT. Fil-fehma tagħha, SC tipprovdi biss sempliċi assistenza teknika li la hija speċifika u lanqas essenzjali għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment. Barra minn hekk, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ssostni li, peress li s-software SC ma jistax iwettaq il-kalkoli inkwistjoni mingħajr il-parteċipazzjoni ta' DBKAG, is-servizz ta' SC ma huwiex suffiċjentement awtonomu sabiex jaqa' taħt l-eżenzjoni mill-VAT.

22 DBKAG ippreżentat rikors kontra d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tat-Taxxa tal-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura ta' tassazzjoni tal-VAT għas-snin 2009 u 2010, kif ukoll l-avviżi ta' tassazzjoni tal-VAT għas-snin 2009 u 2010 quddiem il-qorti tar-rinviju.

23 Bħal fil-Kawża C-58/20, il-qorti tar-rinviju tqis li għad hemm dubji dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "mmaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT. Ċertament, il-qorti tar-rinviju tqis li s-servizzi ta' ġestjoni ta' riskji u ta' kejl tal-prestazzjonijiet huma attivitajiet speċifiċi għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-responsabbiltà assunta minn SC f'dan il-każ hijiex suffiċjenti sabiex is-servizz ta' SC jibbenefika mill-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni.

24 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesfinanzgericht (il-Qorti Federali tal-Finanzi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 135(1)(g) tad-[Direttiva tal-VAT] għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tal-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, jaqa' wkoll taħt il-kunċett ta' "immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment" l-għoti minn terz li jikkonċedi lil kumpannija ta' investiment ta' kapital dritt għall-użu ta' softwer speċjalizzat maħsub speċifikament għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment meta, bħal fil-kawża prinċipali, dan is-softwer ikun intiż biss sabiex iwettaq attivitajiet essenzjali u speċifiċi għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment, iżda jkun jista' jintuża biss fl-infrastruttura teknika tal-kumpannija ta' investiment ta' kapital u jkun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu biss permezz tal-kollaborazzjoni sekondarja tal-imsemmija kumpannija, bl-użu kontinwu ta' data tas-suq pprovduta minnha?"

25 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2020, il-Kawżi C-58/20 u C-59/20 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

26 Permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li provvisti ta' servizzi pprovduti minn terzi lil kumpanniji ta' ġestjoni ta' fondi speċjali ta' investiment, bħal responsabbiltajiet fiskali li jikkonsistu f'li tiġi żgurata t-tassazzjoni skont il-liġi nazzjonali tad-dħul mill-fond rċevut mill-parteċipanti u l-għoti ta' dritt ta' użu ta' software li jservi sabiex jitwettqu kalkoli essenzjali għall-ġestjoni ta' riskji u għall-kejl tal-prestazzjonijiet, li jaqgħu taħt l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

27 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, sa fejn id-Direttiva tal-VAT tħassar u tissostitwixxi s-Sitt Direttiva, l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijiet ta' din l-aħħar direttiva tgħodd ukoll għal dawk tad-Direttiva tal-VAT peress li d-dispożizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ strumenti tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala ekwivalenti.

28 Konsegwentement, l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jikkonċerna l-punt 6 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva tapplika wkoll għall-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, peress li, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 3 ta' din is-sentenza, dawn id-dispożizzjonijiet huma fformulati f'termini essenzjalment identiċi u jistgħu, għaldaqstant, jiġu kklassifikati bħala ekwivalenti.

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 135(1) tad-Direttiva tal-VAT jikkostitwixxu kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni li għandhom l-għan li jevitaw diverġenzi fl-applikazzjoni tas-sistema tal-VAT minn Stat Membru għal ieħor (sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Blackrock Investment Management (UK), C-231/19, EU:C:2020:513, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-termini użati sabiex jindikaw l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 135(1) tad-Direttiva tal-VAT għandhom jiġu interpretati b'mod strett, peress li dawn jikkostitwixxu derogi mill-prinċipju ġenerali li jipprovdi li l-VAT għandha tinġabar fuq kull provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas minn persuna taxxabbli (sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Blackrock Investment Management (UK), C-231/19, EU:C:2020:513, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Barra minn hekk, skont il-prinċipju ta' newtralità fiskali, l-operaturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-mudell ta' organizzazzjoni li, mill-perspettiva strettament ekonomika, huwa l-iktar adatt għalihom, mingħajr ir-riskju li t-tranżazzjonijiet tagħhom jiġu esklużi mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT (sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Blackrock Investment Management (UK), C-231/19, EU:C:2020:513, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Għalhekk, is-servizzi ta' ġestjoni pprovduti minn amministratur terz jaqgħu, bħala prinċipju, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT (sentenza tal-4 ta' Mejju 2006, Abbey National, C-169/04, EU:C:2006:289, punt 69).

33 Madankollu, sabiex jiġu kklassifikati bħala tranżazzjonijiet eżentati, fis-sens tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, is-servizzi pprovduti minn amministratur terz għandhom jifformaw unità distinta, evalwata b'mod globali, intiża li tissodisfa funzjonijiet speċifiċi u essenzjali tal-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment (sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Blackrock Investment Management (UK), C-231/19, EU:C:2020:513, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Huwa fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 29 sa 33 ta' din is-sentenza li d-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju għandhom jiġu eżaminati.

Fuq il-kundizzjoni marbuta man-natura distinta jew awtonoma

35 Fl-ewwel lok, sabiex isir magħruf jekk provvisti ta' servizzi pprovduti minn terzi lil kumpanniji ta' ġestjoni ta' fondi speċjali ta' investiment jaqgħux taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, għandu jiġi evalwat jekk dawn is-servizzi jifformawx unità distinta, evalwata b'mod globali.

36 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-kundizzjoni marbuta man-natura "distinta" ma tistax tiġi interpretata fis-sens li, sabiex taqa' taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, provvista ta' servizz, speċifiku u essenzjali għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment, għandha tkun esternalizzata kollha kemm hi.

37 Fil-fatt, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiffavorixxi l-aċċess ta' investituri żgħar għas-suq tat-titoli trasferibbli. Fil-fatt, il-ġestjoni komuni tal-investimenti fi ħdan il-fondi speċjali ta' investiment toffri lil dawn tal-aħħar il-possibbiltà li jżommu, minkejja investiment modest, portafoll iddiversifikat li jipproteġihom kontra r-riskji inerenti għall-fluttwazzjoni tal-valur tat-titoli u jippermettilhom li jikkondividu l-ispiża ta' ġestjoni minn esperti. Kieku l-eżenzjoni ma kinitx teżisti, id-detenturi tal-azzjonijiet fl-impriżi ta' investiment kollettiv kienu jkunu ntaxxati sostanzjalment iktar mill-investituri, *a priori* ta' daqs ikbar, li jinvestu flushom direttament f'titoli u li ma jagħmlux użu mis-servizzi ta' mmaniġġar ta' fondi. Madankollu, il-prinċipju ta' newtralità fiskali jipprekludi li operaturi ekonomiċi li jwettqu l-istess tranżazzjonijiet jiġu ttrattati b'mod differenti għal dak li jirrigwarda l-ġbir tal-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService, C-464/12, EU:C:2014:139, punti 43 u 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Għalhekk, anki jekk l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT għandha tkun suġġetta għal interpretazzjoni stretta, il-prinċipju ta' newtralità fiskali kif ukoll l-għanijiet ta' din l-eżenzjoni jargumentaw favur interpretazzjoni li ma ċċaħħadhiex mill-effett tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2015, Fiscale Eenheid X, C-595/13, EU:C:2015:801, punt 68)

39 Issa, jekk servizz speċifiku u essenzjali għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment ikollu jkun suġġett għall-VAT minħabba s-sempliċi fatt li ma huwiex esternalizzat kollu kemm hu, dan jiffavorixxi lill-kumpanniji ta' ġestjoni li jipprovdu huma stess din il-provvista kif ukoll lill-investituri li jinvestu direttament flushom f'titoli u li ma jużawx is-servizzi ta' mmaniġġar ta' fondi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService, C-464/12, EU:C:2014:139, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Għalhekk, interpretazzjoni tal-kundizzjoni marbuta man-natura "distinta" li tikkonsisti fil-kunsiderazzjoni li, sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, provvista ta' servizz li huwa speċifiku u essenzjali għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment għandha tkun esternalizzata kollha kemm hi twassal għal-limitazzjoni tal-effett utli tal-possibbiltà għal tali servizz li jibbenefika mill-imsemmija eżenzjoni meta dan jiġi pprovdut minn terz.

41 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li s-servizzi ta' konsulenza fl-investiment ta' titoli transferibbli u r-rakkomandazzjonijiet ta' xiri u ta' bejgħ ta' assi pprovduti minn terzi lil kumpannija ta' ġestjoni ta' fondi speċjali ta' investiment, li huma speċifiċi u essenzjali għall-immaniġġar ta' dan il-fond, jistgħu jaqgħu taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, GfBk, C-275/11, EU:C:2013:141, punt 33).

42 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma tanx huwa importanti li din il-kumpannija ta' ġestjoni jkollha l-obbligu timplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet wara li tkun ivverifikat li dawn ma jiksru ebda restrizzjoni legali fil-qasam tal-investiment applikabbli għall-fondi speċjali ta' investiment u li l-imsemmija kumpannija ta' ġestjoni b'hekk iżżomm setgħa ta' deċiżjoni u ta' responsabbiltà fl-aħħar istanza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, GfBk, C-275/11, EU:C:2013:141, punt 27).

43 Fil-każ ineżami, fir-rigward tal-Kawża C-58/20, sabiex jiġi ddeterminat jekk is-servizzi pprovduti minn K lill-kumpanniji ta' ġestjoni kkonċernati, bħall-provvisti ta' kalkolu ta' valuri rilevanti għall-finijiet tat-tassazzjoni tad-dħul tal-parteċipanti fil-fondi, jaqgħux taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dawn is-servizzi għandhomx jitqiesu li huma speċifiċi u essenzjali għall-attività ta' mmaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment. Il-fatt li huma l-kumpanniji ta' ġestjoni li għandhom jistabbilixxu d-dikjarazzjonijiet standardizzati abbażi tal-kalkoli mwettqa minn terz kif ukoll li jittrażmettu dawn id-dikjarazzjonijiet lill-unità ta' dikjarazzjoni ma huwiex fih innifsu determinanti sabiex jiġi deċiż jekk tali servizzi jaqgħux taħt l-imsemmija eżenzjoni.

44 Bl-istess mod, għal dak li jirrigwarda l-Kawża C-59/20, sabiex jiġi ddeterminat jekk is-servizzi pprovduti minn SC lil DBKAG, bħall-għoti tad-dritt ta' użu tas-software SC, jaqgħux taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dawn is-servizzi għandhomx jitqiesu li huma speċifiċi u essenzjali għall-attività ta' mmaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment. Il-fatt li s-software inkwistjoni jista' jintuża biss fuq l-infrastruttura teknika tal-kumpannija ta' ġestjoni kkonċernata u jista' jissodisfa l-funzjonijiet tiegħu biss bil-kollaborazzjoni sekondarja ta' din il-kumpannija bl-użu kontinwu ta' data tas-suq ipprovduta minnha ma huwiex fih innifsu determinanti sabiex jiġi deċiż jekk tali servizzi jaqgħux taħt l-imsemmija eżenzjoni.

Fuq il-kundizzjoni marbuta man-natura speċifika u essenzjali tas-servizz

45 Fit-tieni lok, sabiex jiġi ddeterminat jekk provvisti ta' servizzi pprovduti minn terzi lil kumpanniji ta' ġestjoni ta' fondi speċjali ta' investiment, bħal responsabbiltajiet fiskali li jikkonsistu f'li tiġi żgurata t-tassazzjoni skont il-liġi nazzjonali tad-dħul mill-fond irċevut mill-parteċipanti u l-għoti ta' dritt ta' użu ta' software li jservi sabiex jitwettqu kalkoli essenzjali għall-ġestjoni ta' riskji u għall-kejl tal-prestazzjonijiet, jaqgħux taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, għandu jiġi evalwat jekk dawn is-servizzi humiex speċifiċi u essenzjali għall-immaniġġar tar-riskji.

46 L-ewwel nett, fir-rigward tar-responsabbiltajiet fiskali, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minbarra l-funzjonijiet ta' mmaniġġar tal-portafoll, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, dawk ta' amministrazzjoni tal-impriżi ta' investiment kollettiv innifishom, bħal dawk indikati fl-Anness II tad-Direttiva UCITS (sentenza tal-4 ta' Mejju 2006, Abbey National, C-169/04, EU:C:2006:289, punt 64).

47 Fil-fatt, l-Anness II tad-Direttiva UCITS jipprevedi li l-attività ta' mmaniġġar kollettiv ta' portafoll tinkludi b'mod partikolari funzjonijiet ta' amministrazzjoni bħal servizzi legali u ta' mmaniġġar kontabbli tal-fond kif ukoll l-evalwazzjoni tal-portafoll u d-determinazzjoni tal-valur tal-azzjonijiet (inklużi l-aspetti fiskali).

48 Barra minn hekk, il-fatt li ċerti provvisti ma humiex elenkati fl-Anness II tad-Direttiva UCITS ma jipprekludix l-inklużjoni tagħhom fil-kategorija tas-servizzi speċifiċi li jaqgħu taħt l-attivitajiet ta' "mmaniġġar" ta' fondi speċjali ta' investiment, fis-sens tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT (sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, GfBk, C-275/11, EU:C:2013:141, punt 25).

49 Fil-fatt, sabiex jiġi ddeterminat jekk is-servizzi pprovduti minn terz lil kumpannija ta' ġestjoni jaqgħux taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, għandu jiġi eżaminat jekk is-servizz ipprovdut minn dan it-terz għandux rabta intrinsika mal-attività proprja tal-kumpannija ta' ġestjoni, b'tali mod li għandu l-effett li jissodisfa l-funzjonijiet speċifiċi u essenzjali tal-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, GfBk, C-275/11, EU:C:2013:141, punt 23).

50 F'dan ir-rigward, taħt il-kunċett ta' "mmaniġġar" ta' fondi speċjali ta' investiment fis-sens tal-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT ma jaqax biss l-immaniġġar ta' intestimenti, li jinvolvi l-għażla u t-trasferiment tal-assi li jkunu s-suġġett ta' dan l-immaniġġar, iżda wkoll is-servizzi ta' amministrazzjoni u ta' kontabbiltà, bħalma huma l-kalkolu tal-ammont ta' dħul u tal-prezz tal-unitajiet jew azzjonijiet tal-fond, l-evalwazzjoniijiet tal-assi, il-kontabbiltà, il-preparazzjoni ta' dikjarazzjonijiet għad-distribuzzjoni tad-dħul, l-għoti tal-informazzjoni u tad-dokumentazzjoni għall-kontabbiltà perijodika u għad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa, statistika u ta' VAT kif ukoll il-preparazzjoni tal-previżjonijiet tad-dħul (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, GfBk, C-275/11, EU:C:2013:141, punt 27).

51 Bil-kontra, servizzi li ma humiex speċifiċi għall-attività ta' fondi speċjali ta' investiment, iżda inerenti għal kull tip ta' investiment, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-kunċett ta' "mmaniġġar" ta' fondi speċjali ta' investiment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2015, Fiscale Eenheid X, C-595/13, EU:C:2015:801, punt 78)

52 Għalhekk, sa fejn servizzi ta' amministrazzjoni u ta' kontabbiltà pprovduti minn terz lil kumpannija ta' ġestjoni, bħal responsabbiltajiet fiskali li jikkonsistu f'li tiġi żgurata t-tassazzjoni, skont il-liġi nazzjonali, tad-dħul mill-fondi rċevut mill-parteċipanti, għandhom rabta intrinsika mal-attività ta' mmaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment, dawn jaqgħu taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT.

53 It-tieni nett, fir-rigward tal-għoti ta' dritt ta' użu ta' software, huwa minnu li, fil-punt 71 tas-sentenza tal-4 ta' Mejju 2006, Abbey National (C-169/04, EU:C:2006:289), il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 1997, SDC (C-2/95, EU:C:1997:278), sabiex tqis li sempliċi servizzi materjali jew tekniċi, bħat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' sistema informatika, ma kinux koperti mill-eżenzjoni prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 13B(d) tad-Direttiva tal-VAT (sentenza tad-9 ta' Diċembru 2015, Fiscale Eenheid X, C-595/13, EU:C:2015:801, punt 74).

54 Madankollu, din il-ġurisprudenza ma tistax tinqara bħala li tfisser li għandu jiġi eskluż *a priori* mill-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT kull servizz ipprovdut minn terz lil kumpannija ta' ġestjoni permezz ta' sistema informatika.

55 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fil-punt 37 tas-sentenza tal-5 ta' Ġunju 1997, SDC (C-2/95, EU:C:1997:278), li s-sempliċi fatt li servizz jitwettaq kompletament permezz ta' mezzi elettroniċi ma jipprekludix, fih innifsu, l-applikazzjoni tal-eżenzjoni għal dan is-servizz.

56 B'mod iktar partikolari, fis-sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Blackrock Investment Management (UK) (C-231/19, EU:C:2020:513), filwaqt li kienet kwistjoni ta' servizzi, b'mod partikolari ta' kontroll ta' prestazzjoni u ta' riskji, ipprovduti minn terz lil kumpanniji ta' ġestjoni ta' fondi permezz ta' pjattaforma informatika, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx minn qabel dawn is-servizzi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT. Bil-kontra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn is-servizzi ma setgħux jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni billi bbażat ruħha, fil-punti 48 u 49 ta' din is-sentenza, fuq il-fatt li l-imsemmija servizzi ma kinux speċifiċi għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment peress li kienu ġew previsti għall-finijiet tal-immaniġġar ta' investimenti ta' natura varjata u setgħu jintużaw mingħajr distinzjoni għall-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment u għal dak ta' fondi oħra.

57 Għaldaqstant, peress li servizz, bħall-għoti ta' dritt ta' użu ta' software, huwa pprovdut esklużivament għall-finijiet tal-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment, u mhux għal fondi oħra, dan jista' jitqies li huwa "speċifiku" għal dan il-għan.

58 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta, għalhekk, li provvista ta' servizzi bħal responsabbiltajiet fiskali li jikkonsistu f'li tiġi żgurata t-tassazzjoni skont il-liġi nazzjonali tad-dħul mill-fondi rċevut mill-parteċipanti u l-għoti ta' dritt ta' użu ta' software li jservi sabiex jitwettqu kalkoli essenzjali għall-ġestjoni ta' riskji u għall-kejl tal-prestazzjonijiet, jaqgħu taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, jekk dawn ikollhom rabta intrinsika mal-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment u jekk dawn ikunu pprovduti esklużivament għall-finijiet ta' mmaniġġar ta' tali fondi.

59 Fil-każ ineżami, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk is-servizzi pprovduti minn K u SC lill-kumpanniji ta' ġestjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet.

60 B'mod partikolari, fil-Kawża C-58/20, il-qorti tar-rinviju għandha b'mod partikolari tfittex jekk ir-responsabbiltajiet fiskali mwettqa minn K jissodisfawx l-obbligi previsti mil-liġi Awstrijaka li huma speċifiċi għall-fondi speċjali ta' investiment u li għalhekk huma distinti mill-obbligi previsti għal tipi oħra ta' fondi ta' investiment.

61 Fil-kawża C-59/20, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tqis li s-servizzi ta' ġestjoni ta' riskji u ta' kejl tal-prestazzjonijiet huma attivitajiet speċifiċi għall-amministrazzjoni ta' tali fondi. Din il-qorti tindika wkoll li l-kalkoli tas-software inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxu bażi essenzjali sabiex DBKAG tkun tista' tissodisfa l-funzjonijiet ta' ġestjoni ta' riskji u ta' kejl tal-prestazzjonijiet meħtieġa mil-liġi Awstrijaka. Għaldaqstant, il-fatt li dan is-software jservi sabiex iwettaq kalkoli essenzjali għas-servizzi amministrattivi ta' ġestjoni ta' riskji u ta' kejl tal-prestazzjonijiet tal-fond inkwistjoni jista' jippermetti li jitqies li l-imsemmi software huwa essenzjali għall-ġestjoni tal-imsemmi fond. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 58 ta' din is-sentenza humiex issodisfatti.

62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li provvisti ta' servizzi pprovduti minn terzi lil kumpanniji ta' mmaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment, bħal responsabbiltajiet fiskali li jikkonsistu f'li tiġi żgurata t-tassazzjoni skont il-liġi nazzjonali

tad-dħul mill-fond irċevut mill-parteċipanti u l-għoti ta' dritt ta' użu ta' software li jservi esklużivament sabiex iwettaq kalkoli essenzjali għall-ġestjoni ta' riskji u għall-kejl tal-prestazzjonijiet, jaqgħu taħt l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, jekk huma jkollhom rabta intrinsika mal-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment u jekk ikunu pprovduti esklużivament għall-finijiet tal-ġestjoni ta' tali fondi, anki jekk dawn is-servizzi ma jkunux esternalizzati kollha kemm huma.

Fuq l-ispejjeż

63 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li provvisti ta' servizzi pprovduti minn terzi lil kumpanniji ta' ġestjoni ta' fondi speċjali ta' investiment, bħal responsabbiltajiet fiskali li jikkonsistu f'li tiġi żgurata t-tassazzjoni skont il-liġi nazzjonali tad-dħul mill-fondi rċevut mill-parteċipanti u l-għoti ta' dritt ta' użu ta' software li jservi esklużivament sabiex jitwettqu kalkoli essenzjali għall-ġestjoni ta' riskji u għall-kejl tal-prestazzjonijiet, jaqgħu taħt l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, jekk huma jkollhom rabta intrinsika mal-immaniġġar ta' fondi speċjali ta' investiment u jekk ikunu pprovduti esklużivament għall-finijiet tal-ġestjoni ta' tali fondi, anki jekk dawn is-servizzi ma jkunux esternalizzati kollha kemm huma.

Firem